# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 143/98/SM**

**L-Avukat Dottor Victor Emanuel Ragonesi**

**vs**

**Louis Galea f'ismu proprju u ghal San Francisco Garage li f'ismu jinnegozja u jesercita s-sengha.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Jannar ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

1. **Iddikjarat responsabbli tad-danni mill-attur sofferti bhala konsegwenza ta' xoghol hazin li**

**ghamel fil-vettura Subaru 12 ECVT, numru VER-456;**

**2. U konsegwentement li jhallas l-istess danni occorrendo wara li jigu likwidati permezz ta' periti nominandi, liema danni ma jissuperawx il-kompetenza ta' din il-Qorti;**

**3. Bl-interessi legali u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru, 1997, il-konvenut jibqa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Frar ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet kollha ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-hsara li garrab l-attur fil-vettura tieghu, cioe' Subaru 12 ECVT, numru VER-456, mhix gejja mix-xoghol hazin tal-konvenut imma minn difett iehor li kien hemm fl-istess vettura, liema difett inholoq wara li l-vettura harget mill-garage tal-konvenut:**

**2. Illi x-xoghol maghmul mill-konvenut fl-imsemmija karozza, kien skond l-arti u s-sengha;**

**3. Illi konsegwentement l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attur;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti nkluza r-relazzjoni peritali;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur proprjetarju tal-vettura tal-marka Subaru bin-numru ta' registrazzjoni VER-456, ha l-vettura in dizamina biex tissewwa ghand il-konvenut proprio et nomine;**

**2. Illi nonostante l-intervent tal-konvenut proprio et nomine l-vettura baqghet difettuza;**

**3. Illi l-istess konvenut rega' intervjena mekkanikament fuq il-vettura izda jirrizulta li din baqghet difettuza;**

**4. Illi l-espert tekniku nominat jikkonkludi li x-xoghol effettwat mill-konvenut kien difettuz nonostante l-fatt li dan kien assigura lill-attur li ma kienx ser ikollu aktar problemi wara li hu jintervjeni fuq il-vettura;**

**5. Illi in oltre l-istess espert tekniku ikkonkluda li x-xoghol tal-konvenut ma kienx skond is-sena u l-arti;**

**6. Illi l-attur hallas lill-konvenut proprio et nomine l-ammont ta' hames mija u zbatax-il Lira Matlin u hamsin centezmu, (LM517.50,0), inutilment stante li ma rnexxilux isewwi l-vettura de quo;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti ezaminat fid-dettal ir-relazzjoni peritali fuq riferita u ma ssib xejn x'ticcensura fiha;**

**Illi ghaldaqstant din il-qorti hi konvinta li l-konvenut naqas li jeffettwa xoghol fuq il-vettura de quo li hu rikjest mis-sena u l-arti;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine tilqa' t-talbiet attrici u:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut Louis Galea f'ismu proprju u ghal San Francisco Garage responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur**

**bhala konsegwenza ta' xoghol hazin li effettwa fuq il-vettura ta' l-attur fuq riferita;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hames mija u zbatax-il Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM517.50,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Louis Galea f'ismu proprju u ghal San Francisco Garage biex ihallas l-ammont ta' danni hekk likwidati lill-attur l-avukat Dottor Victor Emanuel Ragonesi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**